# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Frar, 2002**

**Numru 33**

**Avviz numru 939/01DM**

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Dario Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' erba' telef hames mija u tmienja u disghin liri maltin u disa' u hamsin centezmi (Lm4598.59c) rapprezentanti bilanc dovut wara bejgh ta' karozza Renault Clio RT 1.2 liema ammont huwa dovut

skond kuntratt Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment mal-avviz u tal-ittri ufficjali datati 2 ta' Lulju 2001 u 25 ta' Settembru 2001 u bl-imghax legali bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kuntratt in kwistjoni esebit bhala dokument A, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' erba' telef u hames mija u tmienja u disghin lira Maltin u disa' u hamsin centezmi (Lm4598.59) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-13 ta' Novembru 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**A. Farrugia**
**Dep.Reg.**

va